



2023/2825

18.12.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2023/2825

tat-12 ta' Diċembru 2023

li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn tal-Unjoni skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 220a tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾ emenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir- "Regolament Finanzjarju") billi stabbilixxa l-istrategġija diversifikata ta' finanzjament bħala metodu uniku ta' finanzjament għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u dawk tal-ġestjoni tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni. L-Artikolu 220a tar-Regolament Finanzjarju għandu japplika għall-programmi ta' assistenza finanzjarja li għalihom l-atti bażiċi jidħlu fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2022 jew wara. L-istrategġija ta' finanzjament diversifikata ma għandhiex tapplika għal programmi eżistenti, li taħthom l-operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self jenħtieġ li jkomplu jitwettqu skont il-metodu tradizzjonali back-to-back, f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju. Il-metodu back-to-back jista' japplika wkoll, bħala eċċezzjoni, għal programmi ġodda ta' assistenza finanzjarja u għandu japplika għal kwalunkwe programm tal-Euratom.
- (2) Skont l-Artikolu 220a tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrategġija ta' finanzjament diversifikata. Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jinkludu qafas ta' governanza, proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju u metodoloġija tal-allokkazzjoni tal-kostijiet, li jenħtieġ li jiżguraw li l-kostijiet kollha mġarrba mill-Unjoni li jkunu relatati mal-assistenza finanzjarja jitħallsu mill-pajjiż benefiċjarju. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu stabbiliti l-arranġamenti applikabbli għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati.
- (3) Il-Kummissjoni applikat għall-ewwel darba l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self fil-kuntest tan-NextGenerationEU ("NGEU"), l-istrument temporanju tal-Unjoni biex tappoġġa l-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19. Dan ippermetta l-mobilizzazzjoni b'suċċess ta' fondi għal appoġġ u self mhux ripagabbli skont ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁾ u programmi oħra tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strategġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2434/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2094/oj>).

- (4) Il-mudell ta' governanza u l-proċessi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata skont l-NGEU ġew stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021)2502 ⁽⁵⁾. Dawn l-arranġamenti jinkludu fost l-oħrajn qafas ta' governanza, ġestjoni tar-riskju u proċeduri ta' konformità. Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2545 ġiet żviluppata metodoloġija għall-allokazzjoni tal-kostijiet ⁽⁶⁾. Huwa xieraq li l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata skont l-Artikolu 220a tar-Regolament Finanzjarju jiġu bbażati fuq il-mudell ta' governanza għall-NGEU.
- (5) Għalkemm din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika prinċipalment għal operazzjonijiet imwettqa taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, huwa xieraq li xi wħud mill-arranġamenti stabbiliti fiha jiġu estiżi għal operazzjonijiet imwettqa taħt il-metodu back-to-back. Dan l-approċċ jiżgura konsistenza fil-programmi differenti, sa fejn applikabbli. Dan jiggarrantixxi wkoll li l-operazzjonijiet kollha jkunu koperti mill-ogħla standard ta' regoli, f'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Dan jenħtieġ li jkun il-każ għal arranġamenti relatati mal-ġestjoni tar-riskju u l-proċeduri ta' konformità.
- (6) Deċiżjoni annwali ta' teħid b'self jenħtieġ li tistabbilixxi l-elementi tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' teħid b'self u dejn ippjanati u jenħtieġ li tipprevedi awtorizzazzjoni għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità fuq perjodu ta' sena. B'mod partikolari, jenħtieġ li tiddetermina d-dimensjonijiet tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn li għandhom jitwettqu bil-ħsieb li titfassal l-iskopertura ġenerali tal-baġit tal-Unjoni u tal-benefiċjarji tas-self. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tistabbilixxi firxa għall-ammonti massimi ta' ħruġ ta' finanzjament fit-tul għall-finijiet kollha, ammont pendenti massimu ta' finanzjament fuq terminu qasir, il-maturità medja massima tal-finanzjament fit-tul tal-Unjoni, limitu għall-ammont pendenti finali għal kull ħruġ u, jekk applikabbli, l-ammont massimu ta' ħruġ tal-Kummissjoni li jista' jinżamm fisimha stess u li jista' jintuża bħala sors ta' finanzjament addizzjonali jew biex jappoġġa s-suq sekondarju. Id-deċiżjoni annwali ta' teħid b'self jenħtieġ li tipprovi l-awtorizzazzjoni li jkunu investiti bilancj tal-flus, li jaqbużu dawk meħtieġa biex isiru l-iżborżi, fi strumenti tas-suq monetarju.
- (7) Sabiex jiġi żgurat li l-fondi meħtieġa jkunu disponibbli biex jiġu ssodisfati l-impenji taħt il-programmi ta' assistenza finanzjarja relatati hekk kif isiru dovuti għal operazzjonijiet ta' pagament, jenħtieġ li teħid b'self u ġestjoni tad-dejn taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jitwettqu abbażi ta' pjanijiet ta' finanzjament biannwali. Il-pjanijiet ta' finanzjament jinkwadraw dawk l-operazzjonijiet matul dan il-perjodu b'referenza għall-pagamenti li jridu jsiru biex jiġu implimentati l-programmi relatati fis-semestru li jmiss u fil-perjodi segwenti. Għalhekk, l-istabbiliment tal-pjan ta' finanzjament jenħtieġ jiżgura rabta mal-ħtiġijiet tal-pagamenti mistennija fuq bażi pluriennali sabiex jiżgura l-ippjanar u l-organizzazzjoni bla intoppi tal-operazzjonijiet ta' finanzjament. Rikavati minn teħid b'self maħsub biex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' pagament mistennija f'perjodi ulterjuri jistgħu jkunu ġestiti permezz ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità. Il-pjan ta' finanzjament jenħtieġ li jiġi stabbilit abbażi tal-limiti u tal-awtorizzazzjonijiet stabbiliti fid-deċiżjoni annwali dwar it-teħid b'self. Il-pjan ta' finanzjament huwa l-baży biex il-parteċipanti fis-suq jiġu infurmati dwar il-pjanijiet indikattivi ta' finanzjament fil-perjodu li ġej.
- (8) Billi jiffissa ammont massimu indikattiv ta' teħid b'self li jkopri, bħala regola, perjodu ta' sitt xhur, u jistabbilixxi ċerti parametri ewlenin oħra tal-operazzjonijiet ippjanati, il-pjan ta' finanzjament jiżgura wkoll prevedibbiltà ogħla tal-ħruġ, filwaqt li jżomm il-flessibbiltà u jipprovi għal trasparenza fis-swieq. Il-baży tal-investituri fil-mira teħtieġ informazzjoni dwar il-ħruġ li ġej u indikazzjoni dwar iż-żmien għat-tħejjija tal-ippjanar tal-investment min-naħa tagħhom. Il-kapaċità biex tkun ottimizzata l-istruttura tat-teħid b'self permezz ta' tranżazzjonijiet tas-suq u operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn matul l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament, tabilità lill-Kummissjoni biex tikseb eżiti aktar vantaġġużi u tnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' likwidità.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 u għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati ma' selfiet maħruġa f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2545 tad-19 ta' Diċembru 2022 dwar l-istabbiliment tal-qafas għall-allokazzjoni tal-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u tal-immaniġġar tad-dejn permezz tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 123, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2545/oj).

- (9) Id-Deċizzjoni annwali dwar it- teħid b'self u l-pjan ta' finanzjament jenħtieġ li iservu bħala bażi għall-informazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 220a(2) tar-Regolament Finanzjarju, kif ukoll għall-komunikazzjoni lis-swieq u lill-pubbliku. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aspetti kollha tal-istrateġija tagħha dwar it- teħid b'self u l-ġestjoni tad-dejn, b'mod komprensiv u fuq bażi regolari, skont l-Artikolu 220a(2) tar-Regolament Finanzjarju.
- (10) Id-definizzjoni ta' pjanijiet ta' finanzjament akkurati u sinifikanti skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tiddependi fuq il-komunikazzjoni regolari u f'waqtha ta' informazzjoni mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' assistenza finanzjarja fil-perjodi ta' żmien u l-ammonti għall-approvazzjonijiet tal-pagamenti mistennija. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi kkomunikata lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit, bħala s-servizz responsabbli għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' finanzjament, permezz tal-għodda ta' tbassir finanzjarju tal-Kummissjoni.
- (11) L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jenħtieġ li tfittex li tikseb l-aktar kundizzjonijiet finanzjarji vantaġġużi għall-Unjoni, permezz tal-ippjanar sod u l-eżekuzzjoni bla xkiel tat-tranżazzjonijiet bl-aħjar termini possibbli fil-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq. Minħabba l-ħtieġa li jinġabar finanzjament sabiex l-iżborżi jkunu jistgħu jsiru lill-programmi rispettivi, il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni limitata fir-rigward taż-żmien tat-tranżazzjonijiet tas-suq. L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata tgħammar lill-Kummissjoni b'firxa usa' ta' tekniki ta' finanzjament, inkluż finanzjament fuq terminu qasir, li jippermettilha tnaqqas ir-riskju tal-eżekuzzjoni tas-suq meta jkun meħtieġ li tiġbor fondi f'ċirkostanzi tas-suq aktar avversi.
- (12) L-istrumenti ta' finanzjament taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, varjeta' ta' bonds ta' referenza u Kambjali tal-UE. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jenħtieġ li jiġu organizzati bħala rkanti, tranżazzjonijiet sindakati jew pjazzamenti privati, skont liema jkun l-aktar xieraq minħabba d-daqs u n-natura tal-operazzjonijiet.
- (13) L-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jenħtieġ li tinkludi l-kapaċità li jinħarġu strumenti fuq terminu qasir u li tinżamm riżerva ta' likwidità, li tippermetti lill-Kummissjoni tassorbi diskrepanzi fiż-żmien bejn it-teħid b'self u l-iżborżi, u li tissodisfa talba għal żborż f'każ ta' kundizzjonijiet ta' finanzjament avversi. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self fuq terminu qasir permezz ta' Kambjali tal-UE jenħtieġ li jiġu implimentati permezz ta' rkantijiet regolari biex jipprovdu flessibilità u effiċjenza. Dawk l-irkantijiet jenħtieġ li jiġu organizzati b'tali mod li jiżguraw status ta' emittent trasparenti u prevedibbli tal-Unjoni u trattament ugwali tal-parteċipanti.
- (14) L-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn taħt l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jippermettu ġestjoni aħjar tar-rata tal-imgħax u riskji finanzjarji oħra. Huwa għalhekk xieraq li jiġi permess l-użu ta' derivattivi bħal swaps għall-ġestjoni tar-rata tal-imgħax jew riskji finanzjarji oħra fir-rigward ta' self għall-pajjiżi benefiċjarji, filwaqt li dejjem jiġi rrispettat il-prinċipju tal-bilanċ baġitarju, jew tranżazzjonijiet tas-suq monetarju garantiti jew mhux garantiti ma' uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istati Membri, istituzzjonijiet supranazzjonali, aġenziji nazzjonali tas-settur pubbliku, istituzzjonijiet ta' kreditu tal-bank ċentrali u ditti tal-investiment b'affidabbiltà kreditizja jew kontropartijiet ċentrali xierqa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun awtorizzata wkoll tixtri lura u/jew iżżomm il-bonds tagħha stess għall-finijiet tal-ġestjoni tal-likwidità u l-appoġġ għal-likwidità fis-suq għall-bonds tal-Unjoni.
- (15) L-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità jippermettu lill-Kummissjoni tikseb termini aktar vantaġġużi fuq kwalunkwe bilanċi ta' flus li taqbeż dawk meħtieġa biex isiru l-iżborżi previsti. Għal dak l-għan, huwa għalhekk xieraq li jiġi permess investiment tal-eċċess tal-bilanċi tal-flus permezz ta' strumenti tas-suq monetarju meta jkun opportun. Opportunitajiet bħal dawn jistgħu jinħolqu peress li nuqqasijiet mhux mistennija fl-iżborżi meta mqabbla mal-previżjonijiet jirriżultaw f'akkumulazzjoni ta' bilanċi tal-flus mhux previsti. Alternattivament, il-Kummissjoni, b'antiċipazzjoni ta' perjodi ta' fluss għoli ta' żborżi, tista' tiġbor fondi bil-quddiem sabiex tevita konċentrazzjoni għolja ta' operazzjonijiet fi żmien limitat b'riskji assoċjati għall-eżekuzzjoni u l-ipprezzar ta' dawk l-operazzjonijiet. Huwa xieraq li jiġi kkonsultat l-Uffiċċjal Kap tar-Riskji u l-uffiċċjal tal-kontabbiltà meta tiġi stabbilita jew emendata l-istrateġija tal-ġestjoni tal-likwidità.

- (16) L-operazzjonijiet ta' għoti b'self jenħtieġ li jitwettqu skont l-att bażiku rilevanti u l-ftehimiet ta' self korrispondenti. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet minimi li taħthom jitħallas is-self. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll li l-pajjiżi benefiċjarji jġarrbu l-kostijiet kollha relatati mas-self imġarrba mill-Unjoni f'konformità ma' metodoloġija stabbilita mill-Kummissjoni f'deċizzjoni separata kkomplementata minn linji gwida dettaljati għall-kalkolu ta' tali kostijiet.
- (17) Il-pajjiżi benefiċjarji jenħtieġ li jiġu offruti l-possibbiltà li jitolbu lill-Kummissjoni biex tirranġa self b'hedging fiss ta' rata tal-imgħax. Dan ikun jeħtieġ li l-Kummissjoni tuża strumenti finanzjarji bħal swaps tar-rati tal-imgħax sabiex toffri self b'rata fissa. Il-kostijiet għall-ġestjoni tar-riskji bid-derivattivi jenħtieġ li jitħallsu mill-pajjiż benefiċjarju.
- (18) L-operazzjonijiet ta' teħid b'self taħt il-programmi ta' assistenza finanzjarja eżistenti jitwettqu taħt il-“Programm ta' Ħruġ ta' Dejn UE-Euratom” stabbilit fl-2019 u aġġornat fl-2021 (il-“Programm ta' Ħruġ ta' Dejn”). Dan jinkludi, fost l-oħrajn, Ċirkolari ta' Offerti li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa lis-swieg skont il-leġislazzjoni applikabbli, u arranġamenti operazzjonali u kuntrattwali ma' kontropartijiet li huma strumentali għall-attivitajiet ta' teħid b'self. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self taħt l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata jenħtieġ li jitwettqu taħt il-Programm ta' Ħruġ ta' Dejn, wara l-introduzzjoni tal-emendi meħtieġa fid-dokumentazzjoni eżistenti.
- (19) Sabiex jiġu implimentati operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' teħid b'self u ta' dejn u ta' likwidità skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kapaciċitajiet operazzjonali xierqa, inklużi kapaciċitajiet ta' saldu tat-tranżazzjonijiet, pjattaforma tal-irkant, u l-possibbiltà li jsir rikors għal tranżazzjonijiet u swaps ta' riakkwist.
- (20) Sabiex twettaq operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' teħid b'self, ta' dejn u ta' likwidità skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiftaħ kontijiet iddedikati esklużivament għall-fini ta' dawn l-operazzjonijiet. L-istess kunsiderazzjonijiet bħal dawk għall-kontijiet għall-operazzjonijiet tal-NGEU jenħtieġ li japplikaw għal dawn il-kontijiet. B'mod partikolari, biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-likwidità li jirriżulta minn dawn l-operazzjonijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti bilanċi ta' flus prudenzjali siguri u speċifiċi għall-pagamenti. Ir-rekwiżit li tinżamm tali riżerva ta' flus prudenzjali ddedikata jirrappreżenta parti integrali u indispensabbli tal-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju għal strategġija ta' finanzjament diversifikat. Sabiex jiġi żgurat li dawn il-bilanċi kritiċi ta' flus kontanti ma jkunux soġġetti għal xi riskju tal-kontroparti li jirriżulta mill-falliment tal-istituzzjoni li magħha jinżammu dawn ir-riżervi, huwa imperattiv li dawn il-bilanċi ta' flus prudenzjali jinżammu ma' bank ċentrali. Dawk il-bilanċi ta' flus jenħtieġ li jinżammu f'kont iddedikat mal-Bank Ċentrali Ewropew (“BĊE”) u jenħtieġ li jinżammu fl-aktar livell baxx meħtieġ biex jiġu ssodisfati l-pagamenti li ġejjin matul perjodu qasir iżda jstgħu jvarjaw fl-ammont bħala funzjoni tal-iskeda tal-ħruġ u l-iżborż. Kuntratt dwar servizzi ta' aġenzija fiskali jenħtieġ li jiġi konkluż mal-BĊE li jippermetti l-kopertura tal-kostijiet relatati. Kwalunkwe ammont ieħor li jaqbeż il-bilanċi ta' flus prudenzjali jista' jiġi investit permezz ta' strumenti tas-suq monetarju jew miżmum f'kontijiet dedikati ma' kontropartijiet awtorizzati.
- (21) Barra minn hekk, jenħtieġ li qafas ta' ġestjoni tar-riskju u ta' konformità għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ta' ġestjoni tad-dejn, ta' ġestjoni tal-likwidità u ta' għoti b'self jiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiżgura li l-attivitajiet kollha jitwettqu b'mod konsistenti mal-ogħla standards ta' integrità, onestà u ġestjoni finanzjarja u tar-riskju soda. F'dak ir-rigward, ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji stabbilit preċedentement skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2021) 2502 kien estiż biex japplika għall-operazzjonijiet kollha taħt l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 (7). L-Uffiċjal Kap tar-Riskji jenħtieġ li jkun appoġġat mill-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità fit-tweġiq tal-kompiti tiegħu. Huma meħtieġa ċerti bidliet, biex jiġi żgurat li l-kompożizzjoni tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità tkun adatta biex tippovdi appoġġ xieraq lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji, biex il-kompożizzjoni tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità tkun allinjata mal-aħjar Prattiki u biex jitqies l-ambitu estiż tal-kompiti tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji. Tali bidliet jenħtieġ li jinkludu ż-żieda tad-Direttur tad-Direttorat inkarigat mill-ħruġ tad-dejn għall-finanzjament tal-programmi tal-Unjoni bħala osservatur permanenti tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità biex ikun jista' jiġi kondiviż l-għarfien meta jiġu ssorveljati l-operazzjonijiet, il-possibbiltà li jinħatru sa tliet esperti indipendenti u l-ispeċifikazzjoni ta' rekwiżiti aktar ċari għad-deżinjazzjoni tal-membri tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità.

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 tad-19 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn tal-UE skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 109, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2022/2544/oj).

- (22) L-Uffiċjal Kap tar-Riskji, skont l-aħjar Prattiki u l-istandards internazzjonali rikonoxxuti, jenħtieġ li jfassal Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità li jkun fiha linji gwida dwar ir-riskju u l-konformità għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet b'indipendenza sħiħa. L-użu progressiv ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u ta' ġestjoni tal-likwidità jinvolvi riskji addizzjonali, bħar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti. Dawn l-operazzjonijiet jehntiegu monitoraġġ addizzjonali mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji biex jiġi żgurat li jibqgħu fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju stabbilit fil-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskji u l-Konformità. Għal dak l-għan, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji jenħtieġ li, b'mod parallel mal-iskjerament progressiv ta' dawn l-operazzjonijiet, jiddefinixxi limiti tar-riskju ġodda u soluzzjonijiet ta' monitoraġġ tar-riskju.
- (23) B'mod partikolari, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji jenħtieġ li jiżgura li l-operazzjonijiet jikkonformaw mal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità u li r-riskji relatati ma' dawn l-operazzjonijiet jiġu identifikati, mifhuma, ġestiti, u rrapportati lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji. Fit-twertiq ta' dawk il-kompiti, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji jenħtieġ li jkun appoġġat minn Uffiċjal għall-Konformità, li jenħtieġ li jirrapporta direttament lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
- (24) Il-mudell ta' governanza u l-proċessi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata taħt l-NGEU ġew stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2021) 2502, imħassra bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2544 li stabbilit l-arranġamenti applikabbli għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati. Din id-Deċiżjoni tibni fuq il-prinċipji stabbiliti minn dawk id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni. Biex jiġi żgurat li l-arranġamenti applikabbli għall-operazzjonijiet kollha implimentati permezz tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata jkunu uniformi, huwa xieraq li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2544 titħassar.
- (25) Biex jiġi żgurat li d-deċiżjoni annwali dwar is-self tiġi adottata f'konformità ma' din id-Deċiżjoni u b'mod parallel magħha, u fi żmien xieraq biex tkun tista' ssir l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħruġ ta' bonds li jehntieg li jibda immedjatament fl-2024, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

SUĖĠETT U DEFINIZZJONIJET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

- Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn u tal-likwidità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"Regolament Finanzjarju"), kif ukoll għall-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati.
- Il-Kapitolu 4 għandu japplika wkoll għall-operazzjonijiet ta' għoti u ta' teħid b'self imwettqa skont il-metodu back-to-back.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "operazzjonijiet ta' teħid b'self" ifisser operazzjonijiet fis-swieq, b'mod partikolari ħruġ ta' dejn għat-teħid b'self, inkluż teħid b'self riportat;

- (2) “operazzjonijiet ta’ ġestjoni tad-dejn” ifisser operazzjonijiet tas-suq relatati mad-dejn li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta’ teħid b’self biex tiġi ottimizzata l-istruttura tad-dejn pendenti, biex jittaffew ir-riskji tar-rata tal-imgħax, biex tkun appoġġata il-likwidità tas-suq sekondarju jew biex jittaffew riskji finanzjarji oħra;
- (3) “operazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-likwidità” ifisser operazzjonijiet għall-ġestjoni tal-flussi ta’ dħul u ta’ ħruġ ta’ rikavati li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta’ teħid b’self u ta’ ġestjoni tad-dejn sabiex jippermettu l-ġestjoni kosteffettiva ta’ dawk l-ammonti;
- (4) “operazzjonijiet ta’ għoti b’self” ifisser operazzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta’ self u linji ta’ kreditu għall-assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju;
- (5) “żborż” ifisser it-trasferiment ta’ rikavati miksuba permezz ta’ operazzjonijiet ta’ teħid b’self u ta’ ġestjoni tad-dejn biex jiġi ffinanzjat appoġġ ripagabbli jew mhux ripagabbli lil benefiċjarju;
- (6) “uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-programm” tfisser l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, skont l-Anness I tar-Regoli Interni stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 5120 ⁽⁸⁾, għall-implimentazzjoni tal-linji baġitarji ta’ programm ta’ assistenza finanzjarja u programm iffinanzjat skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2020/2094, billi jimplementa l-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) ta’ dak ir-Regolament;
- (7) “bilanċi ta’ flus prudenzjali” ifisser l-ammont ta’ flus kontanti meħtieġ li jinżamm fil-kont tal-flus tal-BĊE, qabel il-pagamenti futuri għal perjodu determinat;
- (8) “swap” ifisser swap kif definit fit-Taqsima 1, il-punt 10, tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 ⁽⁹⁾;
- (9) “derivati” tfisser derivati kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾;
- (10) “tranżazzjonijiet ta’ riakkwist” jew “tranżazzjoni ta’ retroriakkwist” ifissru rispettivament tranżazzjonijiet ta’ riakkwist jew tranżazzjoni ta’ retroriakkwist kif definit fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾;
- (11) “tranżazzjoni ta’ akkwist bil-patt ta’ rivendita” jew “tranżazzjoni ta’ vendita bil-patt ta’ riakkwist” ifissru rispettivament tranżazzjoni ta’ akkwist bil-patt ta’ rivendita u tranżazzjoni ta’ vendita bil-patt ta’ riakkwist kif definit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2015/2365;
- (12) “strumenti tas-suq monetarju” ifisser strumenti bħal depożiti, inklużi ċertifikati b’terminu ta’ depożitu, linji ta’ kreditu, fondi mutwi tas-suq monetarju, fondi nnegozjati fil-borża li jsegwu indiċijiet tas-suq monetarju, karti kummerċjali, kambjali tat-teżor, bonds li jimmuturaw fi żmien sena, u self ta’ titoli u ftehimiet ta’ riakkwist, f’konformità mad-definizzjoni ta’ “strumenti tas-suq monetarju” fl-Artikolu 4(1), il-punt (17) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹²⁾.
- (13) “tranżazzjoni sindakata” ifisser tranżazzjoni li biha l-finanzjament jiġi offrut minn grupp ta’ selliefa, imsejħa sindakat, lil individwu wieħed li jissellef;

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018)5120 final tat-3 ta’ Awwissu 2018 dwar ir-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (it-taqsima tal-Kummissjoni Ewropea) għall-attenzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta’ Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta’ trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta’ investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta’ emiżjonijiet u d-derivattivi (ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/583/oj).

⁽¹⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj>).

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta’ tranżazzjonijiet ta’ finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj>).

⁽¹²⁾ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj>).

- (14) “rkant” ifisser il-proċess tal-operazzjonijiet ta’ ħruġ tat-titoli ta’ dejn tal-Unjoni u tal-Euratom abbażi ta’ offerri kompetittivi permezz ta’ pjattaforma għall-irkantijiet;
- (15) “finanzjament fit-tul” ifisser finanzjament minn operazzjonijiet ta’ teħid b’self għal terminu ta’ aktar minn sena, esklużi l-ammonti miżmuma fisimhom stess;
- (16) “finanzjament fuq terminu qasir” ifisser finanzjament minn operazzjonijiet ta’ teħid b’self għal terminu ta’ sena jew inqas u l-użu ta’ tranżazzjonijiet tas-suq monetarju mhux garantiti u tranżazzjonijiet tas-suq tal-flus garantiti.

KAPITOLU 2

OPERAZZJONIJIET TA’ TEĦID B’SELF, ĠESTJONI TAD-DEJN U GĦOTI B’SELF

TAQSIMA 1

Strateġija ta’ finanzjament

Artikolu 3

Deċiżjoni annwali dwar il-ġestjoni tat-teħid b’self, tad-dejn u tal-likwidità

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar il-ġestjoni tat-teħid b’self, tad-dejn u tal-likwidità li tistabbilixxi l-qafas li jinkludi ċerti limiti massimi għall-operazzjonijiet ta’ teħid b’self u ta’ operazzjonijiet ta’ ġestjoni tad-dejn u tagħti l-awtorizzazzjoni għal operazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-likwidità, li jistgħu jiġu konklużi matul is-sena kalendarja (“deċiżjoni ta’ teħid b’self annwali”).
2. Id-Deċiżjoni annwali dwar it-teħid b’self għandha tistabbilixxi l-parametri li ġejjin:
 - (a) l-ammont annwali massimu ta’ finanzjament fit-tul ibbażat fuq l-iskeda pluriennali ta’ żborżi mistennija skont il-programmi u fuq il-ħtiġijiet ta’ rifinanzjament;
 - (b) l-ammont pendenti massimu ta’ finanzjament fuq terminu qasir, anki permezz tal-ħruġ ta’ Kambjali tal-UE;
 - (c) l-ammont pendenti massimu finali għal kull ħruġ li jirrifletti r-riskju tal-konċentrazzjoni mal-maturità;
 - (d) il-maturità medja massima ta’ finanzjament fit-tul;
 - (e) jekk ikun xieraq, l-ammont massimu pendenti ta’ ħruġ proprju li jista’ jinżamm f’isem il-Kummissjoni stess u li jista’ jsir disponibbli għal kontropartijiet permezz ta’ tranżazzjonijiet ta’ riakwist, biex jappoġġa s-suq monetarju f’titoli tal-Unjoni jew biex jimmobilizza finanzjament fuq terminu qasir;
 - (f) awtorizzazzjoni ta’ operazzjonijiet ta’ ġestjoni tal-likwidità permezz tal-użu ta’ strumenti tas-suq monetarju kif imsemmi fl-Artikolu 8.
3. Għandhom jitqiesu l-fatturi li ġejjin għat-thejjja tad-deċiżjoni annwali dwar it-teħid b’self:
 - (a) ir-reqwiżiti li jirriżultaw mill-atti bażiċi sottostanti, b’mod partikolari l-atti bażiċi msemmija fl-Artikolu 220(1) tar-Regolament Finanzjarju;

- (b) l-obbligi ta' ħlas għas-servizz ta' dejn pendenti u l-ħlas lura tal-kapital, skont il-programm ta' ħidma annwali u b'kont meħud tal-ipprogrammar finanzjarju;
 - (c) il-kompatibbiltà mal-limiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 ⁽¹³⁾ u, kif xieraq, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ⁽¹⁴⁾, u mal-limiti tad-durata massima jew il-maturità medja massima stabbiliti fl-att bażiku sottostanti. Fir-rigward tal-NGEU, daww il-limiti għandhom ikunu daww stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 għal-limitu massimu addizzjonali tar-riżorsi proprji ta' 0,6 punti perċentwali tal-ING tal-Istati Membri, u, fil-każ ta' ħlas lura pplanat tat-teħid b'self mill-baġit tal-Unjoni, bil-limitu stabbilit fl-Artikolu 5(2), it-tielet subparagrafu ta' dik id-Deċiżjoni;
 - (d) il-maturitajiet tas-self stabbiliti fil-ftehimiet ta' self konklużi bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju;
 - (e) skeda pluriennali ta' żborżi taħt il-programmi ta' politika rilevanti u tal-ħtiġijiet ta' rifinanzjament filwaqt li jitqiesu kunsiderazzjonijiet usa' tal-provvista u d-domanda;
 - (f) fatturi oħra rilevanti għad-determinazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn.
4. Id-Deċiżjoni annwali dwar it-teħid b'self għandha tiġi adottata qabel il-bidu tal-perjodu kopert minnha.
5. Id-Deċiżjoni ta' teħid b'self annwali tista' tiġi emendata b'mod partikolari f'każ ta' riskju serju li l-maturità medja massima ma tkunx tista' tiġi rispettata minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-ħruġ tal-ammonti ta' finanzjament fit-tul jew fil-każ tal-bidla f'fattur wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafu 3.
6. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni annwali ta' teħid b'self lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 4

Pjan ta' finanzjament

1. Il-pjan ta' finanzjament għandu jiffissa mira indikattiva għall-fondi li għandhom jinġabru permezz ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self u ġestiti permezz ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn, li bħala regola għandha tkopri perjodu ta' sitt xhur.
2. Il-pjan ta' finanzjament għandu jindika l-operazzjonijiet ta' teħid b'self ipplanati u, skont il-każ, l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità, li għandhom jitwettqu skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata. Fil-qafas stabbilit fid-deċiżjoni annwali dwar it-teħid b'self u b'kont meħud tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 3(3) u l-kondizzjonijiet finanzjarji fis-suq primarju u sekondarju, il-pjan ta' finanzjament għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-parametri li ġejjin:
- (a) l-ammont massimu mistenni ta' finanzjament fuq terminu qasir u twil għall-perjodu;
 - (b) il-maturità medja peżata massima ta' finanzjament fit-tul li għandha titwettaq;
 - (c) jekk ikun xieraq, l-ammont massimu pendenti ta' ħruġ proprju li jista' jinżamm f'isem il-Kummissjoni stess u li jista' jsir disponibbli għal kontropartijiet permezz ta' tranżazzjoni ta' riakwist, biex jappoġġa s-suq monetarju f'titoli tal-Unjoni jew biex jimmobilizza finanzjament fuq terminu qasir;

⁽¹³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj>).

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-sinjura mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

- (d) jekk xieraq, ammont jew firxa indikattiva, li tirrifletti l-ippjanar tal-finanzjament u l-iżborż fiż-żmien tal-adozzjoni tal-pjan ta' finanzjament, li għandhom jiġu investiti permezz ta' strumenti tas-suq monetarju matul is-semester ta' finanzjament f'konformità mal-Artikolu 8.

Meta jiġi stabbilit il-pjan ta' finanzjament, l-opinjoni tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji msemmi fl-Artikolu 20(2)(a) għandha titqies kif xieraq.

3. Il-pjan ta' finanzjament għandu jiġi adottat qabel il-bidu tal-perjodu kopert minnu.
4. Il-pjan ta' finanzjament jista' jiġi emendat f'każ ta' bidla sostanzjali ffattur wieħed jew aktar imsemmija fl-Artikolu 3(3).
5. Abbażi tal-pjan ta' finanzjament adottat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 5

Komunikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' żborż proġettati għall-finijiet tat-tnejja u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' finanzjament

1. Il-pjan ta' finanzjament għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni aġġornata, li għandha tiġi pprovduta lid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit mill-uffiċjali li jawtorizzaw il-programm, dwar l-iskeda ta' ħlasijiet li tista' tinkludi ħtiġijiet tal-iżborż pluriennali. L-informazzjoni pprovduta għandha tkun kemm jista' jkun akkurata u affidabbli.
2. Xahar qabel l-adozzjoni tal-pjan ta' finanzjament, l-uffiċjali awtorizzanti tal-programm għandhom jipprovdu proġettazzjoni dettaljata tal-ħtiġijiet ta' żborż għall-programmi rispettivi.
3. L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-programm għandhom jipprovdu, sa fejn ikun possibbli, aġġornamenti regolari, akkurati u affidabbli tal-informazzjoni pprovduta fir-rigward tal-iżborżi proġettati, inklużi bidliet fl-iskedi ta' żmien għat-tlestija tal-proċeduri għall-approvazzjonijiet tal-pagamenti.
4. L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-programm għandhom jużaw is-sistema elettronika għall-komunikazzjoni u l-aġġornament tal-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' żborż proġettati għat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar il-previżjonijiet tal-pagamenti previsti fl-Artikolu 12(2)(i) għall-finijiet tal-komunikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafi minn 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 6

Implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self u operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u tal-likwidità

1. L-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn u ġestjoni tal-likwidità individwali għandhom jitwettqu f'konformità mal-aħħar aġġornament applikabbli tal-pjan ta' finanzjament għall-perjodu inkwistjoni.

Abbażi tal-aġġornamenti pprovduti skont l-Artikolu 5(3), id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għandu jorog struzzjonijiet regolari dwar l-ammonti li għandhom jinġabru permezz tal-ħruġ tad-dejn u ġestiti permezz ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u ta' ġestjoni tal-likwidità.

2. L-ammonti li dwarhom kienu ngħataw struzzjonijiet għandhom jinġabru billi tiġi applikata l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata definita fl-Artikolu 7 filwaqt li jiġu rispettati l-parametri tal-pjan ta' finanzjament stabbilit fl-Artikolu 4(2).

L-operazzjonijiet ta' teħid b'self u l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u dawk ta' ġestjoni tal-likwidità għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, li jinkludi s-segregazzjoni xierqa tar-rwoli u r-responsabbiltajiet, il-flussi ta' informazzjoni u ta' rapportar immirati biex jiggarantixxu s-sorveljanza indipendenti u l-obbligu ta' rendikont, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet kollha. Dawk l-operazzjonijiet għandhom jitwettqu skont l-aħjar Prattika fis-suq u b'rispett għall-konvenzjonijiet tas-suq.

Artikolu 7

Strategġja ta' finanzjament diversifikata

1. Fl-implimentazzjoni tal-istrategġja ta' finanzjament diversifikata, il-Kummissjoni għandha tapplika l-prinċipji li ġejjin, kif xieraq, b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, biex tissellef il-finanzjament meħtieġ biex jiġu ssofisfati fi żmien xieraq il-ħtiġijiet tal-programmi rilevanti għal appoġġ ripagabbli u mhux ripagabbli, u biex id-dejn li jirriżulta jiġi ġestit bl-aktar mod effiċjenti u rapidu possibbli, filwaqt li tfttex li tikseb l-aktar kundizzjonijiet finanzjarji vantaġġużi skont il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq għall-baġit tal-Unjoni u l-pajjiżi benefiċjarji, u bil-għan li tinkiseb preżenza regolari fis-suq kapitali:

- (a) l-operazzjonijiet ta' teħid b'self u l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn jistgħu jitwettqu fis-suq primarju, fis-suq sekondarju u fis-swieq tal-flus;
- (b) l-operazzjonijiet ta' teħid b'self għandhom jiġu organizzati permezz ta' sett ta' teħid b'self individwali ta' maturitajiet differenti, li jvarjaw minn finanzjament fuq terminu qasir għal finanzjament fit-tul;
- (c) l-operazzjonijiet ta' teħid b'self jistgħu jiġu organizzati permezz ta' taħlita ta' tranżazzjonijiet sindakati u rkanti, u pjazzamenti privati, fiż-żewġ każijiet li jiddependu fuq is-servizzi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment li huma membri tan-network tan-negożjanti primarji stabbilit skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 ⁽¹⁵⁾;
- (d) id-dejn li jirriżulta jista' jiġi riportat għall-fini tal-ġestjoni tal-maturità;
- (e) id-diskrepanzi fil-flussi tal-flus u r-riskju tal-likwidità għandhom jiġu ġestiti permezz ta' miżuri ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn u ġestjoni tal-likwidità;
- (f) ir-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax u riskji finanzjarji oħra jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn kif deskritt fil-paragrafu 2.

2. Fejn meħtieġ biex tiġi żgurata ġestjoni aħjar tar-rata tal-imgħax u riskji finanzjarji oħra li jirriżultaw fl-eżekuzzjoni tal-istrategġja ta' finanzjament diversifikata, il-Kummissjoni tista' tuża operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn li jistgħu jikkonsistu fl-użu ta' derivattivi bħal swaps għall-ġestjoni tar-rata tal-imgħax jew riskji finanzjarji oħra. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tixtri lura u żżomm il-bonds tagħha stess. B'mod partikolari, l-iswaps jistgħu jintużaw biss għall-iħħeġġjar tar-riskji taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax imġarrba mill-pajjiżi li jibbenefikaw minn self. Il-kostijiet għall-ġestjoni tar-riskji bid-derivattivi għandhom jitħallsu mill-pajjiż benefiċjarju tal-operazzjoni tal-ġestjoni tar-riskji.

Artikolu 8

Strategġja ta' ġestjoni tal-likwidità

1. Bilanċi ta' likwidità li jaqbz u l-bilanċi tal-flus prudenzjali msemmija fl-Artikolu 14(2) jistgħu jiġu ġestiti permezz tal-użu ta' strumenti tas-suq monetarju
2. L-istrumenti tas-suq monetarju jistgħu jitwettqu ma' uffiċċji tal-ġestjoni tad-dejn tal-Istati Membri, istituzzjonijiet supranazzjonali, aġenziji nazzjonali tas-settur pubbliku, banek ċentrali, istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment b'affidabbiltà kreditizja xierqa, u kontropartijiet ċentrali.
3. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għandu jiddefinixxi l-istrategġja tal-ġestjoni tal-likwidità li tiddetermina l-parametri essenzjali ta' tali ġestjoni tal-bilanċ tal-likwidità eċċessiv. L-istrategġja għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) l-oġġettivi tal-investment;
 - (b) il-parametri referenzjarji applikabbli, fejn rilevanti;

⁽¹⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 tal-14 ta' April 2021 dwar l-istabbiliment tan-network tan-negożjanti primarji u d-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għat-tranżazzjonijiet sindakati għall-finijiet tal-attivitajiet ta' teħid ta' self mill-Kummissjoni Fisem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 170, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/625/oj>).

- (c) it-tul massimu ta' bilanċi ta' flus u investimenti;
- (d) il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għażla tal-kontropartijiet biex isiru tranżazzjonijiet magħhom;
- (e) l-istrumenti eliġibbli tas-suq tal-flus;
- (f) ir-rekwiżiti għall-eliġibbiltà tal-assi li jistgħu jinxtraw u/jew jiġu aċċettati bħala kollateral.

4. Meta tiġi stabbilita l-istrateġija ta' ġestjoni tal-likwidità, l-opinjoni tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji msemmi fl-Artikolu 20(2)(b) għandha titqies kif xieraq. L-uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jiġi kkonsultat ukoll.

TAQSIMA 2

Operazzjonijiet ta' għoti b'self

Artikolu 9

Operazzjonijiet ta' għoti b'self

L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' għoti b'self għandha titwettaq skont ir-regoli speċifiċi stabbiliti fl-att bażiku rilevanti, kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet ta' self konklużi bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju skont l-att bażiku rilevanti.

Artikolu 10

Żborżi u aċċellerazzjoni tas-self

1. L-iżborż ta' pagamenti tas-self jew segmenti għandu jsir bl-aktar mod effiċjenti u rapidu possibbli, soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament. Il-ftehimiet ta' self għandu jkun fihom impenn inkondizzjonat u irrevokabbli tal-pajjiż benefiċjarju li jgħarrab il-kostijiet kollha relatati mat-teħid b'self, inklużi l-kostijiet amministrattivi, u li jħallas lura l-ammont kapitali u l-imgħax u jista' jippermetti l-użu ta' derivattivi, b'mod partikolari swaps.

2. Il-ftehimiet ta' self skont ir-Regolament (UE) 2021/241 għandu jkun fihom klawżola ta' aċċellerazzjoni li tintitola lill-Kummissjoni titlob ħlas lura bikri tas-self, fost l-oħrajn, f'konformità mal-Artikoli 22(5) u 24(9) tar-Regolament (UE) 2021/241 u għall-irkupru tal-prefinanzjament mhux ikklerjat.

Artikolu 11

Kostijiet tas-self

1. Il-kostijiet kollha, inklużi dawk assoċjati mal-ġestjoni tar-rata tal-imgħax u riskji finanzjarji oħra, imgħarrba mill-Unjoni b'raba mat-teħid b'self ta' fondi għas-self għandhom jiġgħarrbu mill-pajjiżi benefiċjarji, f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju u l-atti bażiċi rilevanti u għandhom jiġu kkalkulati skont metodoloġija stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2545, ikkomplementata minn linji gwida speċifiċi, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tat-trasparenza u t-trattament ugwali.

2. Kwalunkwe kost mġarrab mill-Unjoni għad-derivattivi għandu jiġgħarrab mill-pajjiż benefiċjarju.

3. Il-kostijiet għandhom jiġu fatturati regolarment lill-pajjiż benefiċjarju.

TAQSIMA 3

Implimentazzjoni u rapportar

Artikolu 12

Stabiliment ta' kapaċitajiet operazzjonali

1. L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ta' ġestjoni tad-dejn u ta' ġestjoni tal-likwidità skont l-istrategġija ta' finanzjament diversifikata u l-operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati għandha tinkorpora li jiġu stabbiliti u ġestiti l-kapaċitajiet operazzjonali filwaqt li jiġi żgurat li s-sistemi stabbiliti jżommu ġestjoni finanzjarja tajba u jkunu soġġetti għal ġestjoni tar-riskju robusta u dokumentazzjoni tal-proċessi u d-deċiżjonijiet.
2. Dawk il-kapaċitajiet operazzjonali għandhom b'mod partikolari jinkludu li ġej:
 - (a) in-negozjar, ir-reviżjoni u l-iffirmar ta' ftehimiet ma' istituzzjonijiet ta' kreditu pubbliċi jew privati u depożitorji ċentrali tat-titoli nazzjonali jew internazzjonali meħtieġa għall-konklużjoni tas-saldu tat-tranżazzjonijiet;
 - (b) ir-rieżami, l-emendar, it-tibdil, l-abbozzar mill-ġdid u l-finalizzazzjoni tad-dokumentazzjoni tat-teħid b'self, inkluża d-dokumentazzjoni taħt il-Programm tal-Ħruġ tad-Dejn;
 - (c) l-istabiliment ta' arranġamenti u regoli għall-organizzazzjoni tal-irkantijiet, inklużi ftehimiet ma' fornituri esterni ta' sistemi u sorveljanza kostanti tal-prestazzjoni tal-irkantijiet;
 - (d) l-implimentazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' teħid b'self individwali permezz ta' tranżazzjonijiet sindakati, irkanti u pjazzamenti privati;
 - (e) il-kalkolu tal-kostijiet imġarrba skont il-metodoloġija li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni f'linji gwida speċifiċi li għandhom jiġu ddebitati lill-baġit tal-Unjoni u lill-pajjiżi benefiċjarji fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' għoti b'self;
 - (f) l-istabiliment ta' arranġamenti u n-negozjar, ir-rieżami u l-iffirmar ta' ftehimiet, inklużi ftehimiet ma' kontropartijiet u fornituri ta' sistemi ta' negozjar, meħtieġa għat-twettiq tat-tranżazzjonijiet u l-istrumenti li ġejjin:
 - (i) tranżazzjonijiet ta' riakkwist jew tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist, tranżazzjonijiet ta' akkwist bil-patt ta' rivendita jew tranżazzjonijiet ta' vendita bil-patt ta' riakkwist u tranżazzjonijiet oħra li jwasslu għal obbligazzjonijiet;
 - (ii) derivattivi, bħal swaps, għall-fini ta' ġestjoni u ħħeġġjar tar-riskji għall-iskop uniku ta' self.
 - (g) it-twettiq ta' tranżazzjonijiet tas-suq sekondarju, tranżazzjonijiet tas-suq monetarju mhux garantiti u garantiti, inklużi dawk imsemmija fil-punti (f)(i) u (ii) hawn fuq;
 - (h) l-istabiliment ta' kwalunkwe sistema jew proċedura organizzata meħtieġa għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità;
 - (i) l-istabiliment u l-ġestjoni tas-sistema elettronika għall-komunikazzjoni u l-aġġornament tal-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' żborżi proġettati msemmija fl-Artikolu 5(4).

Artikolu 13

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport darbtejn fis-sena dwar l-aspetti kollha tal-istrategġija tagħha ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn u ġestjoni tal-likwidità bħall-bażi legali, l-ammonti pendenti ta' bonds u kambjali, il-profil tal-maturità, l-għotjiet u s-self żborżati, l-iskeda ta' ħlas lura tas-self żborżat, il-kost tal-finanzjament u l-ammont li l-Kummissjoni biħsiebha toħroġ fis-semestru li jmiss. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

KAPITOLU 3

KONTABILITÀ U L-UFFIĊJAL TAL-KONTABILITÀ

Artikolu 14

Kont għall-ġestjoni tar-rikavat

1. Ir-rikavati relatati mal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn u għoti b'self għandhom jiġu ġestiti permezz ta' kont miftuħ mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni. L-uffiċjal tal-Kontabbiltà għandu jiddelega l-ġestjoni ta' dan il-kont lis-servizzi rilevanti fid-Direttorat Ġenerali tal-Baġit li għandhom jamministrawh f'konformità mar-regoli, il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.
2. Il-kont għandu jinżamm mal-BĊE fuq il-bażi ta' kuntratt dwar servizzi ta' aġenzija fiskali. Dan għandu jintuża għal bilanċi ta' flus prudenzjali ddedikati li għandhom jiġu adattati għall-ammonti ta' pagamenti li ġejjin.
3. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għandu jiddefinixxi metodoloġija li skontha l-bilanċ tal-flus prudenzjali jiġu kkalkulati għal perjodu stabbilit.

Artikolu 15

Kontijiet għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-flus u tal-likwidità

1. Il-kontijiet meħtieġa għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-flus u tal-likwidità għandhom jinfetħu mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni. L-uffiċjal tal-Kontabbiltà għandu jiddelega l-ġestjoni ta' dan il-kont lis-servizzi rilevanti fid-Direttorat Ġenerali tal-Baġit li għandhom jamministrawh f'konformità mar-regoli, il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà jista' jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ġestjoni tal-kontijiet f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.
2. Għall-fini tal-ġestjoni tal-flus kontanti 'l fuq mill-bilanċi tal-flus prudenzjali u għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-likwidità, il-kontijiet jistgħu jinżammu mal-BĊE jew ma' kwalunkwe kontroparti awtorizzata oħra.

Artikolu 16

Il-kontabbiltà għat-teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self

L-uffiċjal tal-Kontabbiltà għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-kontabbiltà xierqa għall-operazzjonijiet kollha ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self skont ir-regoli kontabilistiċi tal-Unjoni u t-Titolu XIII tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 17

Stabiliment tar-rapporti finanzjarji

1. L-Uffiċjal tal-Kontabbiltà għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji annwali fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self skont ir-regoli tal-kontabbiltà tal-Unjoni u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni tal-programm.
2. Dawn ir-rapporti finanzjarji għandhom ikunu parti mill-kontijiet annwali konsolidati tal-baġit tal-Unjoni.

KAPITOLU 4

ĠESTJONI TAR-RISKJU U KONFORMITÀ

Artikolu 18

Rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self

1. Għandu jkun hemm Uffiċjal Kap tar-Riskji għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self, li s-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu huma stabbiliti f'din id-deċiżjoni.
2. Ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji huwa li jiżgura li s-sistemi, il-metodoloġiji u l-proċessi użati għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni ta' likwidità u għoti b'self huma mfassla u implimentati b'mod li jiżgura kemm jista' jkun il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni ta' likwidità u għoti b'self.
3. Ir-rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jiġi eżerċitat indipendentement mill-funzjonijiet u l-kompiti relatati mal-ippjanar, l-implimentazzjoni, l-eżekuzzjoni u l-kontabbiltà tal-operazzjonijiet. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jgawdi awtonomija fit-tweqqif tal-kompiti u r-responsabbiltajiet deskritti f'dan il-Kapitolu u għandu jingħata r-riżorsi meħtieġa.
4. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jirrapporta direttament lill-Membru tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit fir-rigward tar-responsabbiltajiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu.
5. Membru tal-persunal fdat bir-rwol ta' Uffiċjal għall-Konformità għandu jirrapporta direttament lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(4).

Artikolu 19

Stabbiliment ta' Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità

1. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jfassal Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità li għandha tidentifika r-riskji prinċipali għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-teħid b'self, tal-ġestjoni tad-dejn, tal-ġestjoni tal-likwidità u tal-għoti b'self. F'dan il-kuntest, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jqis il-prinċipji għar-rikonoxximent u l-valutazzjoni tar-riskju, li skonthom sistema effettiva ta' kontroll intern tidentifika u tivvaluta kontinwament ir-riskji prinċipali.
2. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tistabbilixxi l-oġettivi strateġiċi tar-riskju u għandha ttipprovdi l-qafas ġenerali għal-linji gwida għall-ġestjoni tar-riskju applikabbli għall-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn, ġestjoni tal-likwidità u għoti b'self.
3. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tidentifika r-riskji assoċjati kollha, inklużi r-riskji tal-likwidità, tas-suq, tal-finanzjament, tal-kreditu, tal-kontroparti u operazzjonali, li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-teħid b'self, tal-ġestjoni tad-dejn, tal-ġestjoni tal-likwidità u tal-għoti b'self. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tistabbilixxi għal kull riskju l-aptit għar-riskju ta' livell għoli, il-metodoloġiji ġenerali għall-kejl tal-iskopertura għar-riskju, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rapportar kif ukoll il-mekkaniżmu ta' eskalazzjoni li għandu jittieħed f'każ ta' ksur jew nuqqas ta' konformità. Hija għandha tivverifika s-solidità tal-proċeduri meħtieġa biex tiżgura l-onestà, l-integrità u t-trasparenza ta' dawk l-operazzjonijiet u għandha tillimita kwalunkwe riskju finanzjarju jew operazzjonali b'mod xieraq.

4. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tinkludi r-regoli u l-proċeduri li ġejjin:
- (a) regoli u proċeduri li għandhom jiġu rispettati minn persuni li huma responsabbli għall-implimentazzjoni operazzjonali u l-eżekuzzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata, u;
- (b) regoli u proċeduri għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, l-eżekuzzjoni tat-teħid b'self, il-ġestjoni tad-dejn u l-operazzjonijiet ta' għoti b'self minn entitajiet inkorporati f'ġuriżdizzjonijiet elenkati taħt il-politika rilevanti dwar ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx jew li huma identifikati bħala pajjiżi b'riskju għoli skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁶⁾, jew li ma jikkonformawx b'mod effettiv mal-istandards tat-taxxa tal-Unjoni jew miftiehma internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni, ksur ta' reġimi ta' sanzjonijiet u irregolaritajiet finanzjarji rilevanti oħra, jew stabbiliti fihom.
5. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tiġi rieżaminata mill-inqas darba fis-sena u tiġi riveduta jekk ikun meħtieġ.
6. Il-politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità għandha tiġi ppreżentata mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji lill-Membri tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit għall-approvazzjoni.

Artikolu 20

Rwol tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji

1. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jimmonitorja li l-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità tiġi implimentata b'mod komprensiv u konsistenti.
2. B'mod partikolari, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:
- (a) joħroġ opinjoni dwar l-abbozz tal-pjan ta' finanzjament;
- (b) joħroġ opinjoni dwar l-abbozz tal-istrateġija għall-ġestjoni tal-likwidità;
- (c) jirrieżamina r-regoli interni u d-dokumenti ta' gwida maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għall-konsistenza mal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità, li jista' jitlob li jimmodifika;
- (d) jistabbilixxi u jissorvelja l-konformità kontinwa ma' proċessi robusti għall-identifikazzjoni, il-kwantifikazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskju;
- (e) jistabbilixxi limiti tar-riskju xierqa biex jiżgura li r-riskju tal-kreditu, ir-riskju tas-suq, u r-riskju tal-likwidità meħhuda permezz tal-operazzjoni ta' teħid b'self, l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tad-dejn u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-likwidità jibqgħu konformi mal-oġġettivi tar-riskju u l-predispożizzjoni għar-riskju. Il-limiti tar-riskju jistgħu jkunu limiti individwali stabbiliti fil-livell tal-kontroparti u/jew fil-livell tal-istrument, u limiti tar-riskju stabbiliti fil-livell tal-iskoperturi aggregati li jirriżultaw mill-ġestjoni tad-dejn u l-operazzjonijiet tal-ġestjoni tal-likwidità;
- (f) jidentifika ksur potenzjali tal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità jew ta' linji gwida, politiki u limiti oħra relatati mar-riskju u jirrakkomanda passi possibbli li għandhom jittieħdu f'każ ta' ksur jew nuqqas ta' konformità.

Artikolu 21

Rapportar mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji

1. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jirrapporta regolarment dwar ir-riskji materjali u dwar il-konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti skont l-Artikolu 19(4) lill-Membri tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit, lill-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità, lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u lill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jipprovdi wkoll informazzjoni regolari dwar ir-riskji u l-limiti lil persuni li huma responsabbli għall-eżekuzzjoni operazzjonali tal-istrateġija ta' finanzjament diversifikata.

⁽¹⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj>).

Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għandu, mingħajr dewmien żejjed, jieħu l-miżuri meħtieġa biex jindirizza dawk is-sejbiet u jipprovi spjegazzjonijiet dwar il-miżuri meħuda lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji.

Meta jirrapporta lill-Membru tal-Kulleġġ responsabbli għall-Baġit, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji jista' wkoll, kif xieraq, jinforma lil dak il-Membru dwar is-sejbiet imsemmija fit-tieni subparagrafu u dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għar-Riskju u l-Konformità.

2. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità lill-Kummissjoni darba fis-sena.

Artikolu 22

Rwol tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat għar-Riskji u l-Konformità biex jappoġġa lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji fit-tweġiq tar-responsabbiltajiet ta' dak l-uffiċjal.
2. Il-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità għandu:
 - (a) jiġi kkonsultat mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji dwar il-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità;
 - (b) jappoġġa lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji fil-kompiti msemmija fl-Artikolu 20(2), il-punti (a), (b), (c) u (d);
 - (c) jipparteċipa fl-ewalwazzjoni, il-monitoraġġ u l-approvazzjoni ta' prattiki rigward l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità u relatati mal-ġestjoni tar-riskju tal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn u tal-ġhoti b'self;
 - (d) jappoġġa lill-Uffiċjal Kap tar-Riskji fil-valutazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju emerġenti b'rabta mal-operazzjonijiet ta' teħid b'self, ġestjoni tad-dejn u ġhoti b'self, u jkun infurmat mill-Uffiċjal Kap tar-Riskji dwar il-qbiż tal-limiti stabbiliti biex jitnaqqsu r-riskji jew in-nuqqas ta' konformità mal-Politika ta' Livell Għoli dwar ir-Riskju u l-Konformità, u linji gwida, politiki u limiti oħra relatati mar-riskju.

Artikolu 23

Membri u organizzazzjoni tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità

1. Il-membri tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità għandhom ikunu l-Uffiċjal Kap tar-Riskji, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, l-Uffiċjal għall-Konformità, żewġ membri tal-persunal mid-Direttorati Ġenerali li l-funzjonijiet tagħhom jinvolu għarfien tal-ġestjoni tar-riskju u tas-superviżjoni tas-swieq finanzjarji, żewġ membri tal-persunal tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit maħtura mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit.
2. Id-Direttur tad-Direttorat li jissorvelja l-ħruġ tad-dejn għall-finanzjament tal-programmi tal-Unjoni għandu jkun osservatur permanenti tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità mingħajr dritt tal-vot.
3. Id-diretturi Ġenerali tad-Direttorati Ġenerali responsabbli għall-ġestjoni tar-riskju u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji u d-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit għandhom jinnominaw il-membri tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità. Il-membri deżinjati għandu jkollhom għarfien u kundizzjonijiet adegwati f'oqsma rilevanti għall-ħidma tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u s-superviżjoni tas-suq finanzjarju.
4. L-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jaħtar mill-inqas żewġ esperti esterni, u mhux aktar minn tlieta, għal-laqgħat tal-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità. L-esperti esterni għandhom jagħtu opinjonijiet u jipparteċipaw f'deliberazzjonijiet mingħajr drittijiet tal-vot dwar kwistjonijiet miġjuba quddiem il-Kumitat.
5. Il-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità għandu, fejn possibbli, jadotta pożizzjonijiet abbażi ta' kunsens jew, meta ma jintlaħaqx kunsens, abbażi ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Fil-każ ta' voti ndaqs, il-vot tal-Uffiċjal Kap tar-Riskji għandu jkun deċiżiv.
6. Il-Kumitat għar-Riskji u l-Konformità għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 24***Tħassir**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2544 hija mħassra.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftehm u bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 25***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Tabella ta' korrelazzjoni	
Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2544 tad-19 ta' Diċembru 2022	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
Artikolu 13	Artikolu 14
Artikolu 14	Artikolu 16
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16	Artikolu 18
Artikolu 17	Artikolu 19
Artikolu 18	Artikolu 20
Artikolu 19	Artikolu 21
Artikolu 20	Artikolu 22
Artikolu 21	Artikolu 23